MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 565/2005

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Grixti Stanley (ID483683M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm252.32), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 8366 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Gunju 2003 u Ottubru 2003.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, dawk ta' l-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-24 ta' Ottubru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm252.32), bl-imghax legali mis-7 ta' Jannar, 2005 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, dawk ta' ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi mandat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------